MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 738/2000/1

**Barc Company Limited**

**v.**

**Avukat Generali u Carmen Gatt, Edmond Gatt, Simon Gatt, Dolores Gatt Baldacchino, Josienne Tonna, awha Gatt Baldacchino, u Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 2000.

Ghall-ahjar intendiment ta’ din is-sentenza, is-sentenza appellata qeghda tigi riprodotta kollha kemm hi:
“Il-Qorti,

Rat ir-rikors li permezz tieghu gie premess illi fit-22 ta’ Gunju, 1990 giet ipprezentata kawza fl-ismijiet “Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs. Giuseppe Arcidiacono, Boris Arcidiacono u Renato Arcidiacono bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Arcidiacono Limited, u l-istess Renato Arcidiacono anke personalment” (Citazzjoni Nru 696/90);

Premess illi b’sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla fl-20 ta’ Jannar, 1998 id-domandi ta’ l-attur gew milqugha bl-ispejjez kontra z-zewg konvenuti Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono personalment, liema sentenza giet appellata mill-konvenuti;

Premess illi fl-24 ta’ Frar, 1998, l-atturi appellati ipprezentaw rikors li bih talbu lill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell biex hija “tohrog lill-imsemmi Renato Arcidiacono mill-kawza u tissostitwih mill-aventi kawza u successuri fit-titolu, is-socjeta` Barc Co. Ltd.”

Premess illi din it-talba giet opposta mill-konvenuti appellanti, izda l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell b’digriet ivverbalizzat fis-seduta tat-8 ta’ Lulju, 1998 ordnat lill-atturi appellati biex b’nota fir-Registru jesebixxu kopja tal-kuntratt tat-12 ta’ Mejju, 1995 u dan fi zmien hmistax-il gurnata. Fit-12 ta’ Mejju, 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Rita Sammut kien gie pubblikat kuntratt ta’ trasferiment maghmul min-naha l-wahda, minn Renato u Antoinette konjugi Arcidiacono bhala “venditturi”, u, min-naha l-ohra, minn Boris Arcidiacono f’isem u in rapprezentanza tas-socjeta` Barc Company Limited. In forza ta’ dan il-kuntratt, is-socjeta` rikorrenti Barc Company Limited akkwistat billi xtrat l-appartament numru tlieta (3) Mimmo Flats, fil-blokk bin-numru hamsa (5), Saint Anthony Street, Msida, liema appartament jaghmel parti mill-blokk ta’ appartamenti li dwaru qeghdha ssir il-kawza mill-atturi;

Premess illi b'decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Jannar, 2000, it-talba ta' l-atturi appellati kif kontenuta fir-rikors taghhom tal-24 ta' Frar, 1998 giet milqugha. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ordnat "li jinhareg mill-kawza l-konvenut Renato Arcidiacono u minfloku tiddahhal is-socjeta` Barc Co. Limited b'dan li l-okkju tal-kawza ghandu jigi korrett konformament u b'dan ukoll li dan id-digriet jigi wkoll innotifikat lill-imsemmija socjeta` a karigu ta' l-appellanti."

Premess illi dina d-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tikkostitwixxi lezjoni tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal smigh xieraq kif garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu l-imsemmi ordni jintroduci fil-kawza persuna estranea ghal kollox gdida fl-istadju ta' l-appell.

Premess illi b'dina d-decizjoni, is-socjeta` rikorrenti Barc Company Limited ser tigi mcahhda mill-beneficcju tad-*doppio esame* ghaliex hija ma kienitx parti f'dawn il-proceduri fil-prim'istanza u qatt ma kellha l-opportunita` li tressaq il-provi taghha, taghmel kontro-ezami lix-xhieda mressqa u taghmel is-sottomissjonijiet. Din is-sitwazzjoni giet reza ferm aktar gravi billi l-konvenut Renato Arcidiacono diga` gie ikkundannat a tenur tad-domandi attrici, u s-socjeta` rikorrenti sabet ruhha mdahhla fil-kawza biex tiehu post l-imsemmi konvenut.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti Barc Company Limited talbet illi din il-Qorti taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti jigu protetti, billi tiddikjara illi d-dhul taghha fil-kawza fl-istadju ta' l-appell jilledi d-drittijiet taghha u jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, u tordna l-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghha.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali a fol. 6 tal-process fejn gie sottomess:

1. Illi dan ir-rikors huwa ghal kollox frivolu u vessatorju, u bla bazi fil-fatti u fid-dritt stante li kif jidhru l-fatti fil-process li jinsab quddiem il-Qorti ta' l-Appell (differit 18 ta' Mejju, 2000) johorgu dawn il-fatti:

(a) Illi l-aventi causa ta' Renato Arcidiacono, jigifieri r-rikorrenti odjerni Barc Company Limtied, xtraw il-post in kwistjoni fit-12 ta' Mejju, 1995 meta l-kawza kienet ghadha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

(b) Illi r-rikorrenti kienu jafu li ghaddejjin proceduri ghaliex fil-kuntratt ta' l-akkwist stess insibu dan il-kliem:

"5. The vendors are assigning to the purchasers all the litigious rights pertaining to them in the lawsuit pending before the Commercial Court in the names "Gatt Baldacchino versus Arcidiacono" (Writ of summons 696/90)"

(c) Illi l-kawza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti giet deciza fl-20 ta' Jannar, 1998, jigifieri sentejn, seba' xhur u tmint ijiem wara li sar il-kuntratt,

(d) Illi jsegwi ghalhekk illi r-rikorrenti kellhom zmien bizzejjed biex jaraw x'kien qed isir fil-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk mhux logiku li issa jillamentaw illi ma kellhomx ic-cans li jezaminaw ix-xiehda meta kellhom il-hin kollu li jaghmlu dan u accettaw minn jeddhom ic-cessjoni tad-drittijiet litigjuzi.

Minn ma jittutelax id-drittijiet tieghu ma jistax jillamenta dwar xi ksur ta' xi drittijiet Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox bla bazi ghaliex la l-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea u lanqas l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jittutelaw id-dritt tad-doppio esame ghaliex imkien ma jissemma' dan id-dritt f'dawn l-artikoli. Dan il-punt diga` tqajjem f'risposti ta' rikors kostituzzjonali ohrajn u qed issir referenza ghad-decizjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar dan il-punt li jinsabu stampati fl-ewwel volum ta' l-

iStrasbourg Case Law taht il-kap "Drittijiet li m'humiex tutelati bil-Konvenzjoni" u li fost dawn id-drittijiet li m'humiex tutelati jidher id-dritt ta' appell.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, din il-kwistjoni tikkoncerna proceduri li jinsabu pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell u l-interess tar-rikorrent hu limitat biss ghal sa fejn jolqtu dawk il-proceduri. Illi din il-Qorti ma tistax torbot il-Qorti ta' l-Appell hlief bi procedura ta' referenza. Ghaldaqstant tezisti karenza ta' interess bil-mod kif giet istitwita dina l-kawza u l-procedura korretta kellha tkun li tintalab referenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Ghaldaqstant dawn il-proceduri huma nulli (Ara: Decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Bedingfield versus Kummissarju tal-Pulizija et" deciza fit-28 ta' Jannar, 2000.

Illi dan ir-rikors huwa null stante li ma hemm ebda indikazzjoni ta' l-indirizz tar-rikorrenti.

5. Ghaldaqstant, stante s-suespost, din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tiddikjara dan ir-rikors bhala frivolu u vessatorju. U bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Carmen Gatt u l-ahwa Gatt Baldacchino ghar-rikors tas-socjeta` rikorrenti Barc Company Limited a fol. 9 tal-process fejn issottmettew:

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi fl-okkju ta' l-imsemmi Rikors wahda mill-intimati ahwa Gatt Baldacchino hi erroneament indikata bl-isem Doris Tonna. Jigi precizat illi l-isem korrett ta' l-intimata huwa Doris Gatt Baldacchino u mhux Doris Tonna.

2. Illi permezz ta' Rikorsipprezentat fis-7 ta' April 2000, quddiem din l-Onorabbli Qorti, fis-Sede Kostituzzjonali Taghha, is-socjeta` rikorrenti qed tallega li decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Jannar 2000, (liema decizjoni hi relativa ghall-kawza pendenti Quddiemha fl-ismijiet Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino et –vs- Giuseppe Arcidiacono et, Citaz. Nru. 696/50 GCD) permezz ta' liema dik l-istess Onorabbli Qorti ordnat li jinhareg mill-kawza l-konvenut Renato

Arcidiacono u minfloku tiddahhal is-socjeta` Barc Co. Limited b’dan li l-okkju tal-kawza ghandu jigi korrett konformament u b’dan ukoll li dan id-digriet jigi wkoll innotifikat lill-imsemmija socjeta` a karigu ta’ l-appellati; tikkostitwixxi lezjoni tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal smigh xieraq kif garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tali allegazzjoni ta’ vjolazzjoni ta’ l-imsemmi Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 hi bazata fuq il-fatt li l-imsemmi ordni tal-Qorti ta’ l-Appell jintroduci fil-kawza persuna estranea ghal kollox gdida fl-istadju ta’ l-appell.

3. Illi s-socjeta` rikorrenti tallega wkoll li b’tali decizjoni ser tigi mcahhda mill-beneficcju tad-doppio esame ghaliex hija ma kienitx parti f’dawn il-proceduri fil-Prim Istanza u qatt ma kellha l-opportunita` li tressaq il-provi taghha, tahgmel kontro-ezami lix-xhieda mressqa u taghmel is-sottomissjonijiet. Din is-sitwazzjoni giet reza ferm aktar gravi billi l-konvenut Renato Arcidiacono diga` gie ikkundannat a tenur tad-domandi attrici, u s-socjeta` rikorrenti sabiet ruhha mdahhla fil-kawza biex tiehu l-post ta’ l-imsemmi konvenut.

4. Illi tali allegazzjonijiet hekk kif esposti fl-imsemmi Rikors huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-imsemmija decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ma tivvjola ebda Artikolu tal-Kapitolu 319, tanto meno l-Artikolu 6(1) relativ ghad-dritt tas-smigh xieraq, u ma cahditx lis-socjeta` rikorrenti mill-beneficcju tad-doppio esame.

Tali lezjoni ta’ dritt fundamentali ma tissussistix billi s-socjeta` rikorrenti giet introdotta fil-proceduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell b’konsegwenza ta’ cessjoni ta’ dritt litiguz da parte tal-konvenut Renato Arcidiacono, fil-kapacita` tieghu personali, lill-istess socjeta` rikorrenti Barc Company Limited.

5. Illi minn kuntratt ta’ trasferiment datat 12 ta’ Mejju, 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Rita Sammut, (li jinsab esebit fl-atti tal-kawza hawn fuq citata pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell), iffirmat bejn Renato Arcidiacono, (fil-kapacita` personali tieghu) u martu Antoinette Arcidiacono, min-naha l-wahda bhala vendituri, u Boris Arcidiacono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Barc Company Limited (illum is-socjeta` rikorrenti), min-naha l-ohra bhala kompratur nomine, jirrizulta li l-vendituri apparte li ittrasferew lis-socjeta` kompratrici l-fond l-flat 3, Mimmo Flats, St. Anthony Street, Msida, assenjalawha wkoll d-drittijiet litigjuzi tal-kawza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino et –vs- Giuseppe Arcidiacono et, Citaz. Nru. 696/50 GCD, illum pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, u l-istess socjeta` rikorrenti obbligat ruhha li tassumi l-atti fl-istess kawza skond il-ligi.

6. Tali assenjazzjoni jew cessjoni ta’ dritt litiguz, li sehhet permezz ta’ l-imsemmi kuntratt, hi bazata fuq il-principju tac-cessjoni ta’ krediti u jeddijiet ohra ai termini tas-Sub Titolu VII tat-Titolu VI tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Meta jkun hemm cessjoni ta’ dritt, fil-kaz pendenti ta’ dritt litiguz, tali dritt jigi akkwistat *ipso jure* mic-cessjonarju hekk kif ikun hemm il-ftehim fuq l-azzjoni u fuq il-prezz.

Barra minhekk tali cessjoni hi perfetta meta jkun hemm l-att ta’ cessjoni bil-miktub, hekk kif provdut fl-Artikolu 1470 tal-Kapitolu 16.

Dan kollu jirrizulta mil-ligi stess billi fl-Artikolu 1469 tal-Kapitolu 16 hemm provdut illi:

Ic-cessjoni jew bejgh ta’ kreditu, ta’ jedd jew ta’ azzjoni hija perfetta, u l-proprieta` taghhom tigi akkwistata ‘*ipso jure*’ mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta c-cessjoni tkun ta’ jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni.

Dan l-istess principju jirrizulta wkoll f'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell wara l-kawza fl-ismijiet: A. Apap Bologna et –vs- Dottor J. Xuereb M.D., deciza fit-2 ta' Lulju, 1983.

8. Fil-kaz in ezami jirrizulta car li c-cessjoni ta' l-imsemmi dritt litiguz sehhet flimkien mat-trasferiment ta' fond li jirrizulta fil-kontestazzjoni li tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rita Sammut, datat 12 ta' Mejju, 1995.

Dan il-kuntratt oltre t-trasferiment tal-fond jipprovdi li s-socjeta` kompratrici (is-socjeta` rikorrenti fir-Rikors odjern), akkwistat id-dritt litiguz fil-kawza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino et –vs- Giuseppe Arcidiacono et.

Ma hemmx dubju li d-dritt li gie assenjat lis-socjeta` rikorrenti hu dritt litiguz. Dak provdut mil-legislatur fl-Artikolu 1483(2) tal-Kapitolu 16 tirrispekkja l-kawza in kwistjoni.

Il-jedd jitqies litiguz, meta jkun hemm kawza kkontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd, jew meta l-kreditu ma jkunx likwidu u jkun difficli li jigi likwidat.

Dan l-istess principju gie enuncjat minn Ricci:

*Il diritto si~ritiene per litigoso quando la sussitenza di esso sia giudizzialmente contestata.*
Corso Teoric-Pratico di Diritto Civili – Francesco Ricci – Terza Edizione, Unione Tipografico, 1912. Torino – Volum VII pagna 517 para. 277.

Tali principju jirrizulta wkoll fil-gurisprudenza lokali, bhal per ezempju fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (sede civili), wara l-kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Anton Depasquale noe –vs- Carmelo Mangion et, deciza fit-30 ta' Settembru 1985. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta. Volum LXIX – iii – 475.

9. It-trasferiment ta’ tali dritt litiguz mic-cessjonat (Renato Arcidiacono) lic-cessjonarju (Barc Company Limited) appena jkun hemm il-ftehim fuq id-dritt u fuq il-prezz u jirrizulta l-att ta’ cessjoni.

Fid-dritt civili, ic-cessjoni hi mqabbla mal-bejgh:

*La cessione di un credito, di un diritto o di un’azione e’ una vera vendita … il che dimostra che, giusta il suo intendimento, cessione e’ sinonimo di venidta`.*
Corso Teoric-Pratico di Diritto Civili – Francesco Ricci – Terza Edizione, Unione Tipografico, 1912. Torino – Volum VII pagna 474 para. 254.

Billi c-cessjoni hi mqabbla mal-bejgh, id-detentur gdid tad-dritt litiguz hu cessjonarju, li jidhol fil-post tad-detentur precedenti, u jkompli l-proceduri gia` ezistenti minghajr ma jirrizulta bhala persuna gdida jew indipendenti mill-istess detentur precedenti.

*Al pari della vendita`, la cessione trasferisce nel cessionario la proprieta` del [diritto] ceduto.*
Ibid. paga 475 para 255.

Id-detentur precedenti jigi svestit minn tali dritt litiguz li minflok jirrizulta fuq ic-cessjonarju, precizament id-detentur il-gdid.

*La vera cessione… trasferisce nel cessionario la proprieta` del [diritto] ceduto, svestendone il cedenfe che rimane unicamente vincolato a quegli oneri di garantia che dipendono dal contratto o dalla disposizione della legge.*
Ibid. pagna 477 para 257.

Fil-precitata kawza fl-ismijiet Apap Bologna –vs- Xuereb, il-Qorti ta’ l-Appell ikkunsidrat illi:

Id-dritt ta’ l-akkwirent il-gdid li jkompli l-proceduri huma dipendenti fuq ic-cessjoni favur tieghu tal-jedd litiguz pretiz f’dawk il-proceduri…

10. Billi dawn huma l-effetti tac-cessjoni ta’ dritt litiguz jidher li c-cessjonarju, f’dan il-kaz is-socjeta` rikorrenti, libset il-libsa tac-cessjonant, Renato Arcidiacono fil-kapacita` tieghu personali, bir-rizultat li hi tidher bhala l-parti li ghandha interess fil-kawza llum pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

Billi Renato Arcidiacono, b’konsegwenza ta’ l-imsemmija cessjoni gie svestit mid-dritt litiguz tieghu, illum fil-kapacita` personali tieghu m’ghadx ghandu interess guridiku fl-imsemmija kawza. Tali interess guridiku llum jinsab vestit fis-socjeta` rikorrenti kemm bhala proprjetarja gdida tal-fond trasferit permezz tal-kuntratt datat 12 ta’ Mejju 1995, liema fond hu mertu tal-kawza pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, kif ukoll bhala cessjonarja ta’ l-imsemmi dritt litiguz.

11. Ghalhekk, wara dan kollu hawn fuq espost jirrizulta li fil-kawza pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, is-socjeta` rikorrenti Barc ma tistax titqies bhala persuna differenti u indipendenti mill-konvenut Renato Arcidiacono fil-kapacita` personali tieghu u b’hekk giet mcahhda mill-beneficcju tad-*doppio esame*.

Billi s-socjeta` rikorrenti xtrat minghand Renato Aracidiacono kemm id-dritt litiguz kif ukoll il-fond hekk trasferit, hi tiehu postu minghajr ma tirrizulta bhala persuna estranea ghal tali proceduri, indipendentement f’liema stadju tal-kawza dahlet fiha, stante li din libset il-libsa li hu kellu qabel tali cessjoni.

Ghalhekk il-provi kollha mressqa mill-imsemmi konvenut fil-kapacita` tieghu personali, il-kontro-ezamijiet effettwati minnu, kif ukoll in-Noti ta’ Sottomissjonijiet ipprezentati minnu huma kollha, illum wara tali cessjoni ta’ dritt litiguz u trasferiment ta’ proprjeta`, assocjati mas-socjeta` rikorrenti qisha ghamlithom hi stess.

12. Il-fatt li ma kienx hemm l-allegat vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 jirrizulta wkoll mill-fatt li fl-imsemmi kuntratt is-socjeta` rikorrenti kienet

espressament obbligat ruhha li tassumi l-atti fl-istess kawza skond il-ligi.

13. Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u talbiet tas-socjeta` rikorrenti hekk kif maghmula permezz ta' l-imsemmi Rikors li ma kienx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 6(1) tal-Kaptiolu 319.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal a fol. 14;

Rat id-digriet tal-Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Jannar, 2000;

Semghet lill-Avukati difensuri jitrattaw.

**TALBA**

Ir-rikorrenti qed jitolbu li dina l-Qorti:

tiddikjara li d-dhul taghom fil-kawza fl-istadju ta' l-apell fil-kawza: "C. Gatt Baldacchino et vs G. Arcidiacono et" jilledi d-drittijiet taghhom u jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 in kwantu d-digriet tal-Qorti ta' l-Appell introduca persuna estranea ghal kollox fl-istadju ta' l-Appell;

tordna l-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom;

u taghti dawk l-ordnijiet u direttivi biex jigu protetti d-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi b'kuntratt ta' trasferiment datat 12 ta' Mejju, 1995 Barc Company Limited xtrat il-flat 3, Mimmo Flats, St. Anthony

Street, Msida u d-drittijiet litiguzi tal-kawza fl-ismijiet: “Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino et vs Giuseppe Arcidiacono et” Citaz 696/50GCD u l-istess socjeta` BARC obbligat ruhha li tassumi l-atti fl-istess kawza skond il-ligi.

B’dana l-akkwist ta’ dritt litiguz Barc dahlet fid-drittijiet tad-detentur precedenti ta’ dawn id-drittijiet u ghandha l-istess interess fil-kawza li kellu Renato Arcidiacono. Is-socjeta` Barc ghalhekk ma tistax titqies bhala persuna differenti u estranea mill-konvenut Renato Arcidiacono fil-kapacita` tieghu personali billi dahlet minfloku.

Barc akkwistaw dan id-dritt litiguz fit-12 ta’ Mejju, 1995 meta l-kawza kienet ghadha quddiem il-Qorti Prim Awla liema Qorti mbaghad iddecidiet il-kawza fl-20 ta’ Jannar, 1998 hafna zmien wara li Barc kienu akkwistaw id-dritt litiguz u meta huma kienu espressament obbligaw ruhhom li jassumu l-atti fl-istess kawza skond il-Ligi. Ir-rikorrenti kienu jafu bil-kawza u li kien hemm din id-decizjoni.

Jekk ir-rikorrenti ma ikkawtelawx id-drittijiet taghhom dak iz-zmien ma jistghux jippretendu issa li nkisrilhom xi drittijiet that il-Konvenzjoni.

L-argument tar-rikorrenti li mhux ser ikollhom doppio esame ghalhekk mhux fondat. Imma anke kieku, taht il-Konvenzjoni, Article 6(1) *does not guarantee a right of appeal from a decision by a court*. Il-konvenzjoni tipprovdi biss *minimum rights* li fosthom ma jinkludix id-dritt ta’ appell. Ir-rikorrenti semmew pero` li fejn jezisti fis-sistema domestika dan id-dritt, l-Artikolu 6 japplika. Fil-fatt hekk hu. *If a state in its discretion provides a right of appeal, proceedings before the appellate court are governed by Article 6(1)*. (Harris O’Boyle and Warbick Law of the European Convention on Human Rights p. 240). Fil-kaz in ezami pero` r-rikorrenti qed jippretendu d-dritt ta’ doppio esame (fi kliem iehor li jkollhom dritt ta’ appell jew ezami f’zewg istanzi) u mhux li fl-appell is-smigh ma kienx wiehed xieraq.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjez kontra taghhom."

2. Barc company Limited ("is-socjeta` appellanti") hassitha aggravata minn din is-sentenza u ghalhekk appellat minnha quddiem din il-Qorti b'rikors ipprezentat fl-10 ta' Lulju 2000. Ghar-ragunijiet fih kontenuti s-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell, thassar, tirrevoka u tanulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontra l-intimati appellati.

3. L-appell gie kontestat mill-Avukat Generali kif ukoll mill-ahwa Gatt Baldacchino. Bir-risposta tieghu, ipprezentata fit-13 ta' Lulju 2000, l-Avukat Generali spjega ghaliex is-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti. Fit-8 ta' Jannar 2001, l-ahwa Gatt Baldacchino ipprezentaw risposta ta' l-appell taghhom. Fiha hemm spjegat ir-ragunijiet taghhom ghaliex fil-fehma taghhom, is-sentenza appellata kienet gusta u ghalhekk kienet timmerita konferma u konsegwentement huma talbu li l-appell intavolat mis-socjeta` appellanti jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti.

4. Wara li din il-Qorti ezaminat akkuratament l-atti processwali kollha u hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet kollha li saru fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiemha, hija sejra tghaddi biex tikkonsidra wiehed wiehed *seriatim* id-diversi aggravji mressqa mis-socjeta` appellanti, biex b'hekk tasal ghall-konkluzjoni dwarhom.

5. Is-socjeta` appellanti qeghdha taghmel din il-kawza ghaliex qeghdha tallega li d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Jannar 2000, u li biha

s-socjeta` appellanti ddahlet fil-kawza in kwistjoni Citazzjoni Numru 696/90, fl-istadju ta' l-appell, kienet tikkostitwixxi lezjoni ta' dritt tas-socjeta` appellanti ghal smigh xieraq kif garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Is-socjeta` appellanti qeghdha ssostni li l-imsemmija decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell introduciet fil-kawza persuna gdida estranea ghal kollox, fl-istadju ta' l-appell. Is-socjeta` appellanti qeghdha tallega li d-decizjoni msemmija kienet ta' pregudizju ghaliha ghaliex kienet iccahhadha mill-beneficju tad-*doppio esame*, ghaliex qatt ma' kellha l-opportunita` li tressaq il-provi taghha u taghmel kontro ezami lix-xhieda mressqa u taghmel is-sottomissjonijiet taghha fil-Prim Istanza. Is-socjeta` appellanti qeghdha tallega li din is-sitwazzjoni giet reza ferm aktar gravi billi l-konvenut Renato Arcidiacono diga` kien gie ikkundannat a tenur tad-domandi attrici u s-socjeta` appellanti sabet ruhha mdahhla fil-kawza biex tiehu l-post ta' l-imsemmi konvenut Renato Arcidiacono. Is-socjeta` appellanti intavolat din il-kawza ghalhekk biex tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali taghha u qeghdha tippretendi li l-Qorti tiddikjara li d-dhul taghha fil-kawza fl-istadju ta' l-appell jilledi drittijiet prottetti bl-imsemmi Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Qeghdha tippretendi wkoll li l-Qorti taghti l-provvedimenti opportuni fosthom li tordna wkoll il-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha.

6. Kif rajna, l-ewwel Onorabbli Qorti bis-sentenza taghha moghtija fit-30 ta' Gunju 2000, ma laqghetx dawn it-talbiet tas-socjeta` appellanti u dan ghar-ragunijiet li diga` jinsabu esposti fil-bidu ta' l-odjerna sentenza.

7. L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta rriteniet li s-socjeta` appellanti kellha l-obbligu hija stess li tassumi l-atti tal-kawza appena hija akkwistat id-dritt litigjuz in kwistjoni. Is-socjeta` appellanti qeghdha tilmenta li l-ewwel Qorti tefghet fuqha kompitu liema kompitu kien jispetta biss lill-atturi f'dawn il-proceduri u mhux lilha. Is-socjeta` appellanti tikkoncedi li hija, kieku riedet, setghet assumiet l-atti tal-kawza billi tidhol fiha minflok Renato

Arcidiacono, izda dan setghet ma ghamlitux ladarba ma kienx fl-interess taghha li taghmlu. Is-socjeta` appellanti tghid li meta hija akkwistat id-dritt litigjuz in kwistjoni, kien jispetta lill-atturi fil-kawza li jillegittimaw l-atti u mhux is-socjeta` appellanti. Kien fl-interess ta' l-atturi li jassiguraw li l-atti jkunu legittimati. Ghalhekk, is-socjeta` appellanti ma tistax tigi akkuzata li ma kkawtelatx id-drittijiet taghha. Meta s-socjeta` appellanti akkwistat id-dritt litigjuz in kwistjoni hija ma libsitx immedjatament il-libsa tal-konvenut Renato Arcidiacono, izda kellha tittiehed il-procedura tal-legittimazzjoni ta' l-atti sabiex tilbes dik il-libsa. Dan kien jispetta li jsir mill-atturi ghaliex il-kawza kienet taghhom. Ghalhekk l-ewwel Qorti ingustament tefghet kompitu fuq is-socjeta` appellanti, liema kompitu, pero`, kien jispetta lill-atturi.

8. Din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' dawn is-sottomissjonijiet li s-socjeta` appellanti qeghdha taghmel f'dan l-ewwel aggravju taghha. Jirrizulta illi bil-kuntratt tat-12 ta' Mejju 1995 is-socjeta` appellanti akkwistat, *inter alia,* minghand Renato Arcidiacono u martu Antoinette d-dritt litigjuz in kwistjoni:
"The vendors are assigning to the purchaser all the litigious rights pertaining to them in the lawsuit pending before the Commercial Court in the names "Gatt Baldacchino v. Arcidiacono" (summons 696/98AD)."

Il-kuntratt in kwistjoni, li sar fl-atti tan-Nutar Dottoressa Rita Sammut ma jsemmix specifikatament li s-socjeta` appellanti kellha l-obbligu li tassumi l-atti tal-kawza citazzjoni numru 696/90. Pero`, dan l-obbligu huwa sotto intiz jekk huma riedu verament jittutelaw u jharsu d-drittijiet taghhom f'dik il-kawza. Din il-Qorti tistaqsi: kif tista' s-socjeta` appellanti, fl-istess nifs li qed tghid li ma kienx fl-interess taghha li tassumi l-atti tal-kawza minflok Renato Arcidiacono, *ai termini* tac-cessjoni tad-dritt litigjuz li sar bil-kuntratt fuq imsemmi, tallega li hija giet mcahhda mill-beneficcju tad-*doppio esame* u li hija qatt ma kellha l-opportunita` tressaq il-provi taghha u taghmel kontra ezami lix-xhieda mressqa u taghmel is-sottomissjonijiet taghha fil-proceduri ta' l-ewwel istanza? Din il-Qorti jidhrilha li ladarba s-socjeta` appellanti akkwistat id-dritt

litigjuz in kwistjoni kien mistenni minnha li tidhol fil-kawza billi tassumi l-atti minflok Renato Arcidiacono ghaliex b'hekk biss hija setghet tassikura ruhha li tkun f'posizzjoni li tkun tista' tiddefendi l-interessi taghha f'dik il-kawza. Kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti jekk ir-rikorrenti (illum is-socjeta` appellanti) ma hassewx il-htiega li jikkawtelaw id-drittijiet taghhom fi zmien opportun, ma jistghux huma jippretendu issa li nkisrilhom xi dritt taht il-Konvenzjoni. Ghalhekk, dan l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti ma jistax jintlahaq.

9. It-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, fi kliemha stess huwa s-segwenti:
"2. L-ewwel Onorabbli Qorti inkolpat lil Barc ghaliex "ir-rikorrenti kienu jafu bil-kawza u setghu jassumu l-atti fl-istess kawza skond il-Ligi." Is-sentenza appellata, bir-rispett kollu, hawnhekk tippekka in kwantu ippretendiet u stenniet lis-socjeta` rikorrenti Barc li <u>tilbes hija stess l-ingassa madwar ghonqha</u> biex takkomoda lill-atturi, billi tinserixxi ruhha fil-kawza minflok Renato Arcidiacono sabiex l-atti tal-kawza intavolata mill-atturi jkunu komposti korrettement. F'materja penali dan il-principju jissejjah '*the privilege against self-incrimination'.* F'materja civili dan il-principju tal-harsien minn awto-inkolpazzjoni ghandu jigi ugwalment rispettat. Ghalhekk, is-sentenza appellata tohloq precedent perikoluz li jmur kontra l-gurisprudenza kostanti ghaliex dejjem gie ritenut illi talbiet bhal dawn ghandhom isiru minn min ghandu interess li jitlobhom – generalment l-atturi – u l-fatt li jkun hemm nuqqas u ma tkunx saret it-talba mill-atturi jista' jippregudika <u>lilhom biss</u> fi stadju ulterjuri; dan jigri kull meta l-attur ma jkunx illeggittima fi kwalsiasi kuntest. Il-gurisprudenza dwar legittimazzjoni ta' l-atti hija kostanti. Il-pregudizzju rekat bin-nuqqas ta' legittimazzjoni ta' l-atti huwa biss ta' min kellu jaghmel il-legittimazzjoni ta' l-atti u naqas li jaghmilha. Is-sentenza appellata ittendi li taqleb din il-gurisprudenza u tmur kontra taghha."

10. Din il-Qorti diga` ikkummentat, fil-paragrafu 8 ta' din is-sentenza, dwar ic-certa inkonsistenza fir-ragunar tas-socjeta` appellanti meta hija fl-istess nifs tghid li ma kienx fl-interess taghha li tassumi l-atti tal-kawza quddiem il-

Prim Istanza, u tallega li d-drittijiet fundamentali taghha gew vjolati bil-fatt li hija ddahlet fil-kawza fi stadju ta' appell, u li ghalhekk ma kellhiex l-opportunita` li tissalvagwardja d-drittijiet taghha fil-Prim Istanza u gie menomat id-dritt taghha tad-*doppio esame*. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, is-socjeta` appellanti ma tistax tallega vjolazzjoni ta' smigh xieraq stante li giet allegatament imcahhda mill-beneficcju tad-*doppio esame*, meta dan gara unikament minhabba nuqqas attribwibbli lill-istess socjeta` appellanti. Is-socjeta` appellanti inoltre qeghdha tallega li hija ma assumietx l-atti tal-kawza minflok Renato Arcidiacono a bazi tal-principju ta' *the privilage against self incrimination.* Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti din l-allegazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi dan il-principju japplika fil-ligi kriminali izda ma japplikax fil-ligi civili, u certament ma jsibx applikazzjoni generali fil-kaz odjern, meta, kif sewwa jghidu l-appellati Gatt Baldacchino, il-malafede tas-socjeta` appellanti hija ferm evidenti.

11. Fit-tielet aggravju taghha, s-socjeta` appellanti tipprova tigbed analogija ma' l-istitut tal-kjamata fil-kawza. Hija tghid li l-legislatur ma riedx li s-sejha fil-kawza ssir wara s-sentenza fil-Prim Istanza ghaliex bla dubju ta' xejn dan kien johloq pregudizzju serju kontra l-istess kjamat in kawza. Is-socjeta` appellanti argumentat li l-istess ragunament kien japplika ghat-talba taghha odjerna u cioe` meta hija giet imdahhla fil-kawza fl-istadju ta' appell, id-drittijiet taghha sfaw lezi.

12. Fil-fehma tal-Qorti anke dan l-aggravju m'huwiex gustifikat ghas-semplici raguni li l-istitut tal-kjamat fil-kawza u l-istitut ta' l-assunzjoni ta' l-atti da parti ta' min jakkwista dritt litigjuz huma zewg istituti separati minn xulxin u li huma regolati b'ordinamenti procedurali separati. Fil-kaz odjern, il-bdil tal-partijiet fil-kawza minhabba cessjoni tad-dritt litigjuz kellu jkun regolat bl-Artikolu 810(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u l-argument derivat mill-istitut tal-kjamat in kawza certament m'huwiex applikabbli ghall-kaz odjern. Ghalhekk, meta jkun hemm cessjoni tad-dritt litigjuz, ic-cessjonarju jakkwista l-istess interess guridiku tad-

detentur precedenti.  Huwa jilbes l-istess libsa li kellu d-detentur precedenti.  Il-persuna li tigi kjamata fil-kawza ghandha natura ghal kollox differenti.  L-istitut tal-kjamat in kwaza jaqdi diversi funzjonijiet procedurali principalment dak li jintegra l-gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li kellhom jigu mharrka u xi whud minnhom thallew barra u kif ukoll dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx iggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha.  Dan l-istitut isib il-bazi tieghu fuq konsiderazzjonijiet ta' ekonomija tal-gudizzju u utilitajiet procedurali ohra.  Ghalhekk, anke dan it-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti ma jistax jintlaqa'.

13.  Bir-raba' u l-ahhar aggravju taghha s-socjeta` appellanti qeghdha issostni li jekk is-sistema domestika tipprovdi ghal dritt ta' appell, ikun hemm lezjoni tal-Konvenzjoni jekk dan id-dritt ta' appell jigi menomat bhalma gara fil-kaz prezenti.  Fil-kaz odjern is-socjeta` appellanti qeghdha tippretendi d-dritt tad-*doppio esame* u mhux li fl-appell is-smigh ma kienx wiehed xieraq.

14.  Il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju tas-socjeta` appellenti wkoll m'huwiex sostenibbli ghar-raguni li tat l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha u cioe` li jekk Barc Company Limited deherilha li ma kellhiex tassumi l-atti tal-kawza fl-istadju tal-Prim Istanza u b'hekk tikkawtela d-drittijiet taghha adegwatament, ma tistax tippretendi li nkisrilha xi dritt taht il-Konvenzjoni ghaliex hija giet imdahhla fil-kawza fl-istadju ta' l-appell.  Gustament l-ewwel Qorti rriteniet li Barc Company Limited kellha biss tinkolpa lilha nfisha *imputet sibi* tas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha.

15.  Konsegwentement, din il-Qorti hija sodisfatta li l-aggravji kollha li ressqet is-socjeta` appellanti f'dan l-appell huma infondati u li ebda wiehed  minnhom ma jista' jintlaqa'.

16.  Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza

jibqghu wkoll a karigu tas-socjeta` appellanti Barc Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------